MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 848/2004

**Paul Farrugia**

**Vs**

**Alfred Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta April 2003 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta mitejn u disghin (Lm290) rapprezentanti servizzi ta senserija rezi fuq il-fond nru 2 fi triq il-25 ta Marzu, Tarxien, liema fond inbiegh ghal prezz komplessiv ta disgha u ghoxrin elf lira (Lm29,000).

Bl-ispejjes inkluzi inkluzi dawk ta l-ittra bonarja datata 30 ta Settembru 2003 u ta l-ittra ufficcjali datata 25 ta Marzu 2004 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-30 ta April 2004 fejn giet kontestata t-talba attrici stante li l-attur ma ppresta ebda servizzi ta senserija fuq il-bejgh tal-fond meritu ta dina l-kawz.

Ra l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti.
Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li l-mara ta l-attur tigi oht il-konvenut;

Illi skond l-attur il-koppja li xtraw il-fond in kwistjoni kienu rawh l-ewwel darba meta kienu prezenti z-zewg kontendenti fl-imkien u sussegwentement gew xi drabi ohra fejn beda jsir l-innegozjar tal-in konnessjoni mat-trahhis tal-prezz mitlub mill-konvenut fliema negozjar ha parti attiva u prominenti l-attur skond l-affidavit tieghu u fil-fatt waslu ghal prezz finali ta Lm29,000. Meta l-attur sar jaf li kien gie ffirmat il-konvenju u semma lill-konvenut bil-pretenzjoni tieghu ghas-senserija, l-konvenut beda jinnegalu dan id-dritt peress li l-attur ma kienx prezenti ghall-iffirmar tal-konvenju u kwindi spiccaw b'din il-kawza.

Jigi notat illi l-kuntratt ta bejgh in kwistjoni esebit a fol 24 et seq tal-process ma hemmx imsemmi xi dritt ta senserija oltre li l-prezz pattwit huwa maqsum kwantu ghal Lm24,000 ghall-immobbli u kwantu ghal Lm5,000 ghall-effetti mobbli.

L-akkwirent Adrian Mckay jikkonferma li l-ewwel darba li ra l-fond kien hemm prezenti z-zewg kontendenti pero beda jinnegozja l-prezz mal-konvenut u mhux mal-attur, tant illi fid-diskors li huwa kellu mal-konvenut, l-attur kien intalab sabiex jillarga kif fil-fatt ghamel. Dan ix-xhud jissokta jghid li minn dak in-nhar li ltaqa mal-attur l-ewwel darba fuq il-post qatt ma rega kellmu lill-attur – anzi jikkonferma li t-trattattivi qabel il-bejgh dejjem saru mal-konvenut u mhux mal-attur u jinnega b'certa insistenza li kien sar xi diskors mal-attur dwar prezzijiet.

Josianne Farrugia l-akkwirenta l-ohra tal-post tikkonferma bejn wiehed u iehor il-verzjoni moghtija mill-gharus

taghha Adian Mckay – anzi tghid li meta kienu qed jitkellmu mal-konvenut u l-attur ipprova jindahal, huwa kien qed jigi msikket kul darba mill-konvenut. Fil-fatt f'edba mument ma kienu huma indirizzaw jew gew indirizzati direttament mill-attur. Wara din l-ewwel okkazzjoni qatt ma regghu ltaqghu mal-attur. Tghid ukoll li l-prezz kien tbaxxa minn dak originarjament mitlub ta Lm32,000 ghal Lm29,000 grazzi ghal genituri taghhom.

Illi meta l-attur sab ruhu riinfaccjat b'tali xhieda tal-gharajjes li nnegaw kull involviment tieghu, pprova jispjega tali akkadut meta gie riprodott peress illi forsi kienu qed jibzghu li ser ifittixhom ghas-sehem taghhom ta senserija.

Illi t-Tribunal pero josserva li l-xhieda moghtija mill-konvenut tinsab ghal kollox korroborata minn dik ta l-gharajjes filwaqt li dik tal-attur ma ssib ebda konfort minn xi prova ohra oltre li tinsab ghal kollox kontradetta mill-aktar mod assolut kif intqal hawn fuq.
Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l- eccezzjoni tal-konvenut u kwindi jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------